



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2009/0099(COD)

24.3.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni
(COM(2009)0362 – C7-0096/2009 – 2009/0099(COD))

Rapporteur: Klaus-Heiner Lehne

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

**Proposta għal direttiva – att li jemenda
Premessa 5 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Ħlas ta' mill-anqas 40% tal-bonus għandu jiġi ddifferit għal perjodu xieraq. Ħlas ta' mill-anqas nofs din il-parti ddifferita tal-bonus għandu jsir f'ishma jew fi strumenti marbuta ma' ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-impriża ta' investiment, skont l-istruttura legali tal-istituzzjoni jew impriża konċernata. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew impriżi ta' investiment mhux elenkati, dan il-ħlas, fejn ikun xieraq, għandu jsir permezz ta' strumenti oħra li mhumiex flus kontanti. F'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu importanza kbira, peress li l-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tista' ma tkunx dejjem xierqa għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-kumpaniji ta' investiment żgħar.

Ġustifikazzjoni

Parti sostanzjali tal-bonus għandha tkun marbuta mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni u għalhekk għandha tiġi ddifferita għal xi żmien fil-ġejjieni. Peress li l-ishma ta' kumpanija huma kejl rikonoxxut tal-prestazzjoni tal-kumpanija, il-parti ddifferita tal-bonus għandha tikkonsisti fi kwota sostanzjali ta' ishma.

Emenda 2

**Proposta għal Direttiva - att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 22 – paragrafu 3**

3. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki tajba għar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punt 22 tal-Anness V. Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera mill-qrib mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investment u attivitajiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

3. 3. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki tajba għar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punt 22 tal-Anness V. ***Il-linji gwida għandhom iqisu wkoll il-prinċipji dwar politiki soda tar-rimunerazzjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki tar-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Il-linji gwida għandhom jaffettwaw biss kuntratti konklużi wara l-31 ta' Diċembru 2009.*** Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera mill-qrib mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investment u attivitajiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

¹ *ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22.*

Ġustifikazzjoni

1. Id-direttiva għandha tikkunsidra l-acquis communautaire preżenti dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni.

2. Il-bidliet introdotti b'din id-direttiva għandhom effett fuq il-kuntratti preżenti bejn il-kumpanija u l-persunal tagħha. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fl-istruttura kuntrattwali preżenti tal-kumpaniji, il-politika ta' rimunerazzjoni l-ġdida għandha tapplika biss għal kuntratti konklużi wara l-implimentazzjoni tar-riforma Ewropea tar-rimunerazzjoni.

Emenda 3

Proposta għal Direttiva - att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – paragrafu 22 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) il-ħlas tal-**parti prinċipali ta'** bonus **sinifikanti** jiġi ddifferent għal perjodu **xieraq** u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.

Emenda

(i) il-ħlas ta' **mill-anqas 40% tal-bonus** jiġi ddifferent **għal** perjodu **ta' mhux anqas minn tliet snin u jirrifletti b'mod ċar in-natura tal-impriża u r-riskji tagħha kif ukoll l-attivitajiet tal-membru tal-persunal partikolari; din il-parti tikkonsisti, f'minn tal-inqas 50% minnha, f'ishma jew fi strumenti marbuta ma' ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew fejn japplika, f'każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux elenkati, minn strumenti oħra li mhumiex flus kontanti.**

Ġustifikazzjoni

Ġustifikazzjoni: Ara l-emenda 1.

PROĊEDURA

Titolu	Ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni
Referenzi	COM(2009)0362 – C7-0096/2009 – 2009/0099(COD)
Kumitat responsabbli	ECON
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.9.2009
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Klaus-Heiner Lehne 2.9.2009
Eżami fil-kumitat	9.11.2009 28.1.2010
Data tal-adozzjoni	23.3.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Daniel Hannan, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Diana Wallis, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Zbigniew Ziobro, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Sergio Gaetano Cofferati, Sajjad Karim, Vytautas Landsbergis, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, József Szájer